# Eroj tal-Gwerra Jmut fil-Qammieħ

Jeffrey Sammut

Kien is-Sibt 25 ta' April, 1942, fl-eqqel tal-gwerra. Minkejja l-periklu, il-bdiewa tal-Qammieħ kienu fl-għelieqi tagħhom, jonqxu, jsaqqu u jaħsdu. Ma tantx kellhom għażla. Il-ġuħ kien qed jagħfas lill-pajjiż. Ħafna mill-vapuri tal-merkanzija mgħobbija bl-ikel, balal u fuel kienu jispiċċaw fil-qiegħ tal-Mediterran, mgħarrqa mit-Taljani u l-Ġermaniżi. Kollox kien skars, speċjalment l-ikel.

Iżda dakinhar il-bdiewa tal-post kellhom ħafna aktar fuq moħħhom mill-prodotti tar-raba'. Is-soltu l-ajruplani tal-għadu kienu jibqgħu sejrin iwaddbu l-bombi fin-naħa t'isfel tal-gżejjer Maltin, fl-ajruporti u fil-portijiet imma mhux hekk ġara f'din il-ġurnata. Għall-ħabta tas-sebgħa neqsin għoxrin ta' filgħodu, xi bombers Ġermaniżi niżlu jibbumbardjaw il-kamp tal-Għadira, li kien tefgħa ta' ġebla bogħod mill-għelieqi tagħhom. L-istess ġara għall-ħabta tan-nofsiegħa, fejn aktar bombi twaddbu fuq il-kamp fejn kien hemm ir-rekluti tal-King's Own Malta Regiment.[1]

Allura l-gabillotti bdew ta' spiss jgħarrxu lejn is-smewwiet. U mnalla kien hekk għax għall-ħabta tas-siegħa neqsin kwart, tikka żgħira fis-smewwiet dehret riesqa lejhom minn fuq it-Torri l-Aħmar. Intefgħu għall-kenn taħt il-ħitan tas-sejjieħ, jaraw ajruplan ġej dritt lejhom. Stennewh se jibda jispara fuqhom, imma marru żmerċ!

L-ajruplan, li issa kien qorob u tbaxxa ferm, mess mal-ħamrija u minn tajra ħafifa tal-gwerra, ġie balla ħadid titkaxkar f'għalqa. Tant kemm niżel b'veloċità qawwija li barra li ħalla warajh faxx fond fil-ħamrija, faqa' l-kanali tal-ilma, nifed ħajt tas-sejjieħ u spiċċa ġo għalqa oħra. Il-biċċiet tiegħu spiċċaw imxerrda ma' kullimkien.



*Fig 1 : Ajruplan Hurricane f'Malta fl-1942*
*http://www.airfighters.com/page.php?id=92*

Wieħed mill-bdiewa ħareġ minn fejn kien moħbi u nduna li l-ajruplan kien Hurricane Ingliż (ajruplan tal-ġlied). Telaq jiġri biex jagħti l-ewwel għajnuna u hekk kif wasal fejn il-cockpit sab li l-pilota żagħżugħ kien għadu ħaj. Imma ma tantx kien hemm x'jagħmel għax il-pilota miet f'idejh ftit tal-ħin wara.

Is-servizzi Ingliżi ħadu l-pilota mejjet minn fuq il-post. Il-bdiewa talbu kumpens għall-ħsara li kien għamel il-Hurricane fl-għelieqi tagħhom. Il-fdalijiet tal-ajruplan tneħħew mir-raba' mill-Militar xi żmien wara. Għal għexieren ta' snin, il-moħriet baqa' jtella' biċċiet ta' ħadid, aluminju u fdalijiet oħra tal-ajruplan. Dawn kienu jitwarrbu mill-bdiewa, jintremew fil-ħitan tas-sejjieħ jew ġo xi ħofra fonda.[2] U bil-mod il-mod, din l-istorja kif ukoll isem il-pilota ntesew. Kulma kien baqa' kienu l-memorji tal-bdiewa li raw dik il-ġrajja tal-biki sseħħ quddiem għajnejhom. Jew kien fadal aktar minn hekk?

### Dokument li jagħti xaqq ta' dawl

Meta l-bdiewa talbu kumpens, intbagħat Anthony Bartolo (Ta' Kawżu) biex jara l-ħerba li kienet saret fl-għelieqi. Bartolo kien xogħlu jagħmel stimi tal-ħsarat u jqabbad kuntratturi biex isewwu dak li kien ikun tfarrak bil-gwerra. Huwa rrapporta li:

*"25 ta' April 1942:*

*Fil-Qammieħ ikkraxxja ajruplan minn tagħna u saret din il-ħsara -*

*70' kanal mtajra, tikħil u tqegħid - £2-0-0*
*5 qasab ħitan tas-sejjieħ 10/- kubu - £2-10-0"*[3]



*Fig 2 : L-intake manifold tal-magna Merlin li Ġużepp Vella (Tas-Snakes) kien refa' forsi xi darba jiġi bżonnha.*

Kellu jkun dan id-dokument li wassal biex l-awtur ta' dan l-artiklu jibda jsaqsi u jfittex fuq dan il-Hurricane li kkraxxja fil-Qammieħ.

## Intervisti mal-bdiewa tal-Qammieħ

Kien hemm min għadu jiftakar sewwa l-kraxx ta' dan tal-ajruplan.

Anni Vella nee Bonanno (Ta' Ċutna) tirrakkonta li kienet id-dar meta xi ħadd wasslilhom l-aħbar li kien waqa' ajruplan u li kien għamel xi ħsarat fl-għalqa tagħhom. Missierha Ġuzepp Bonanno (Ta' Ċutna) kien fuq il-post dak il-ħin iżda fortunatament ma ġralu xejn. Xħin wasal id-dar, dan irrakkonta kif il-ħajt tas-sejjieħ u l-kanali tal-ilma kienu saru tabakk. Meta marret fir-raba' hija stess, Anni setgħet tara l-ħerba li kien għamel il-Hurricane. Kien hemm ħofra enormi, fonda xi żewġ piedi fil-ħamrija. Tiftakar ukoll li waħda mara li kienet tgħix f'razzett l-Għadira bdiet tqalleb fit-tifrik u sabet ingwanta tal-pilota u f'din l-ingwanta kien hemm ċurkett. Interessanti li ħafna nies kienu jaqtgħu biċċiet mill-aluminju tal-ajruplan u minnu jagħmlu ċrieket li kienu jsejħulhom Tal-Junkers![4] Dan minkejja li l-Junkers kien ajruplan Ġermaniż u l-metall, f'dan il-każ, kien ġej minn ajruplan Ingliż!

Pawlu Gauci (Ta' Peppinu) ra l-kraxx iseħħ quddiem għajnejh. Kien hu li fil-pront ħareġ jiġri biex jgħin lill-pilota. Laħaq biss semgħu jtenni l-aħħar kelmiet: "Marti, il-povra marti." Bintu Mari Fenech (Tad-Deres) tiftakar li għamlet żmien twil tilgħab fuq is-seat tal-ajruplan kif ukoll bl-isteering tiegħu. Xi snin wara kienu ġew xi persuni mqabbda mill-Gvern Ingliż biex ineħħu dak li kien fadal. Imma ma ħadux kollox. Feliċ Fenech (Tad-Deres) qal kif l-isteering (control column) u r-rota ta' wara tal-ajruplan kienu għadhom fl-inħawi sa ftit tas-snin ilu, sakemm ingħataw lil persuna mis-Siġġiewi.[5]

Joseph Aquilina (Taċ-Ċeklement) jiktakar li xi jiem wara l-kraxx qabditu l-kurżità u mar jara l-ajruplan. Kulma sab kien ċappa ħadid imfarrak u biċċiet ta' metall imferrxa 'l hemm u 'l hawn imma għaraf li l-ajruplan kien Hurricane Ingliż.[6]

## Fdalijiet tal-Hurricane fl-għelieqi

Bidwi ieħor li ġie intervistat kien Joe Borg (Ta' Kolin.) Minkejja li ma kien jaf xejn dwar il-każ, deherlu li seta' kien hemm biċċa mill-ajruplan fl-għelieqi tiegħu. Li ġara kien hekk. Fi żmien il-gwerra, fl-inħawi, kien jgħix Ġużepp Vella (Tas-Snakes) li kien jemmen ferm fil-qawl 'erfa' u sorr għal meta tiġi bżonn.' U meta ra l-ajruplan imfarrak ma setax iħalli din il-manna mis-sema mingħajr ma jieħu sehmu u għalhekk ġarr minnu dak li seta'. Dan Ġużepp kien jinqala' ferm biex jagħmel affarijiet bl-idejn.

Allura l-maġġoranza tal-affarijiet li ħa mill-ajruplan spiċċaw partijiet mill-għodda li kien jibni hu stess. Snin ilu telaq lejn l-Awstralja u ħa kollox miegħu. Jew kważi kollox. Għax Joe Borg ftakar li taħt il-kanali tal-ilma kien hemm biċċa 'kanna' stramba u li xi darba dan Ġużepp kien rafa'. Allura hekk kif saqsejtu dwar din il-ġrajja kien pront wegħedni li jġibli din il-biċċa ħadida.

Ikolli nammetti li stennejt xi biċċa pajp imsaddad imma malajr arrali. Ħarsa lejn l-oġġett li ġab Joe mill-ewwel uriet li aktarx kienet parti mill-ajruplan. U hekk kien għax persuna mill-Mużew tal-Avjazzjoni kkonfermat li dik kienet intake manifold ta' magna Merlin. L-ajruplani Hurricanes u Spitfires kellhom magni Rolls-Royce Merlin! Kienet prova li kien għad fadal xi biċċiet mill-ajruplan fl-inħawi, minkejja li l-ġrajja kienet seħħet 75 sena ilu!

## Tfittxija għal aktar fdalijiet

Tfittxija fit-tul fl-għelieqi fejn seħħ il-kraxx ukoll tat il-frott. Instabu biċċiet żgħar tal-aluminju u metall fondut kemm fil-ħamrija kif ukoll fil-ħitan. Sejba interessanti kienet biċċa metall bil-kliem RA... u taħtha RR – Rolls-Royce. Kienet biċċa mill-casing tal-magna!



*Fig 3: Apparat li bena Ġużepp Vella (Tas-Snakes) li juri l-kapaċità tiegħu fil-bini tal-għodda.*

Wieħed mill-bdiewa li intervistajt semma' li kien jaf fejn kien hemm parti mill-ġewnaħ. U hekk kien għax xi ġimgħa wara wrieni biċċa mdaqqsa mill-Hurricane li kien għad baqa' jidhru fuqha anke xi kuluri.

Dan kollu kkonferma li l-kraxx kien seħħ hemmhekk. Imma kien għad fadal mistoqsija importanti: Min kien il-pilota żagħżugħ li miet f'dik l-għalqa mwarrba ġewwa ajruplan tebut?



Fig 4 : Parti mill-casing tal-magna li turu il-kliem RR – Rolls-Royce.

## Il-Pilota tal-Hurricane

Fil-25 ta' April 1942 kienu ġġarrfu tliet ajruplani[7] li kienu mtajra minn:

**Il-Pilota Uffiċjal Kenneth Pawson** – Pawson kien qed itajjar Spitfire meta ntlaqat minn ajruplan tal-għadu, ikkraxxja f'Burmarrad u miet ftit tal-ħin wara.[8] Xi snin ilu nstabu xi fdalijiet minn dan l-iSpitfire fit-tempju Tal-Qadi, Burmarrad u tank tal-coolant f'għalqa fil-viċin.[9]



Fig 5 : Biċċa mill-ġewnaħ tal-Hurricane. Għadhom jidhru xi traċċi ta' żebgħa ħamra, kannella u blu fuqha.

**Il-Pilota Surgent Lucien Brooks** – Hemm misteru dwar kif Brooks miet. Pilota li ra l-inċident iseħħ jagħti żewġ verżjonijiet. Fid-djarju tiegħu jsemmi kif il-Hurricane ta' Brooks intlaqat minn fighter Ġermaniż,[10] u spiċċa lejn ix-Xemija[11] Iżda meta snin wara ppubblika ktieb, dan l-istess pilota kiteb li Brooks intlaqat mill-kanuni ta' kontra l-ajruplani Ingliżi bi żball.

**Warrant Officer Douglas Corfe** – Corfe ntlaqat minn Messerschmitt Bf 109 (fighter Ġermaniż) misjuq minn 'Hauptmann' Wolf Dietrich Wilcke ta' JG 53.[12] Ħadd ma kien jaf fejn spiċċa Corfe. Allura hemm ċans kbir li l-Hurricane li kien hemm fl-għalqa kien tiegħu. Imma ma kien hemm xejn ċert minħabba li fis-snin 90 instabu partijiet minn denb ta'



Fig 6 : Douglas Corfe waqt il-Battalja tal-Ingilterra. Dan ir-ritratt għamlu famuż. Ismu jidher mnaqqax fuq il-mikrofonu. https://www.tribute-to-the-few.co.uk/index.php/blog/itemlist/category/33-tributes-to-the-few

Hurricane taħt ix-xifer ta' Rdum tal-Qammieħ.[13] Fuq l-ebda wieħed mill-ajruplani ma nstabu xi marki jew numri allura wieħed ma setax jgħid biċ-ċert liema wieħed kien ta' Corfe!

## Il-misteru solvut

Kellu jkun is-Sur Anthony Rogers,[14] espert dwar l-crash sites tal-ajruplani tal-gwerra f'Malta, li pprovda l-aħħar biċċa informazzjoni li sabet tarf ta' din il-kobba mħabbla. Dan Rogers ġentilment pprovda dokument mill-Arkivji Nazzjonali ta' Kew fl-Ingilterra li kien jgħid hekk:

*14:08 – W/O Corfe (sic) (229) u P/O Pawson (601 u 603) it-tnejn li huma kkraxxjaw u mietu. L-ewwel wieħed f'3133 (150 jarda bogħod mit-Torri La Mar* (L-Aħmar) *u l-ieħor f'3930 (Għolja 162).*[15]

In-numru 3133, li juri l-post tal-kraxx fuq il-mappa, kif ukoll id-distanza mit-Torri l-Aħmar, ikkonfermat li l-Hurricane li kien hemm fir-raba' tal-Qammieħ kien ta' Warrant Officer Douglas Corfe.

## Min kien Douglas Corfe?

Corfe kien eroj tat-Tieni Gwerra Dinjija. Ritratt tiegħu li ttieħed waqt il-Gwerra wassal biex dan il-pilota sar magħruf sew mal-poplu Ingliż minħabba li spiċċa stampat f'diversi rivisti u kotba.

Corfe ġġieled fil-Battajla tal-Ingilterra ma' 610 Squadron li kien mgħammar bi Spitfires, ajruplan ħafna aktar avvanzat mill-Hurricane. Fl-14 ta' Awwissu, 1940 kiteb *'Ġejt attakkat minn tliet Me 109's. Ksirt f'salt fuq il-lemin u rajt Me109 quddiemi. Xħin kien 300 jarda quddiemi sparajt fuqu ħames darbiet, dejjem noqrob lejh. Il-magna ħadet in-nar filwaqt li biċċa mill-ġewnaħ tfarrket. Inqaleb żaqqu 'l fuq u għodos lejn l-art bin-nar ħiereġ minnu."*

L-għada Corfe kiteb *"Sparajt fuq Me109E. Il-balal dehru deħlin fil-ġwienaħ u fid-denb tal-ajruplan tal-għadu."*[16]

Imma mhux dejjem ġietu żewġ. Fit-22 ta' Awwissu, għoxrin Me 109's għodsu minn ġox-xemx għal fuq Corfe u sħabu. Corfe ntlaqat u l-iSpitfire tiegħu kkraxxja imma hu rrnexxielu jaqbeż bil-paraxut.[17] Fit-18 ta' Settembru 1940, meta kien mas-66 Squadron, reġa' ra l-mewt ma' wiċċu.[18] Ġie milqut u tilef il-kontroll tal-iSpitfire. Ipprova joħroġ mill-ajruplan imma l-cover tal-cockpit kien iġġammjat. Ftit qabel ma l-ajruplan tfarrak mal-art, inbeżaq mill-kabina u rnexxielu jiftaħ il-paraxut fil-ħin. Sofra grieħi gravi f'saqajh u spiċċa l-isptar.[19]

Wara Corfe ntbagħat l-Afrika minn fejn, fid-19 ta' April 1942, tajjar Hurricane 720 mil lejn Malta biex jgħin fid-difiża tal-gżira ma' 229 Squadron.[20] U f'Malta, sitt ijiem biss wara, Corfe, li kellu biss 24 sena, iltaqa' mad-destin tiegħu f'għalqa fil-Qammieħ.

## Eroj Minsi

Douglas Corfe huwa wieħed minn dawk l-eroj li ħalla lil familtu, lil sħabu u lil-maħbuba tiegħu Margaret Farren biex jgħin lil gżiritna toħodha kontra l-qawwa tal-Ġermaniżi u t-Taljani. L-għarusa tiegħu għamlet żmien twil tistennieh imur lura. Anke meta żżewġet lil xi ħadd ieħor, xorta baqgħet issemmi lil 'Dougie', kif kienet issejjaħlu, tant li bintha għamlet minn kollox biex tara kif u fejn temm ħajtu Corfe.[21] L-awtur ipprova jikkuntattja lil Ann Sadler, bint Margaret imma kien kollu ta' xejn.

Nispera li dan l-artiklu jgħin biex ifakkar lil Corfe u lil eluf bħalu li tilfu ħajjithom jiddefendu lill-Ewropa u lid-dinja mill-ħakma tan-Nażisti.



*Fig 7 : Douglas Corfe (mimdud fit-tarf fuq il-lemin) ma' sħabu ta' 610 Squadron f'Awwissu 1940. Sa xahar wara, ħdax mit-tmintax -il pilota kienu mejta, is-seba' l-oħra, inkluż Corfe, feruti.*




*Fig 8 : Il-qabar ta' Douglas Corfe, fiċ-ċimiterju Navali tal-Kappuċċini l-Kalkara. Huwa ġie midfun ġo fossa komuni ma' tmien piloti oħra li mietu bejn il-21 u 26 ta' April 1942.*


## Ringrazzjament

Dan l-artiklu qatt ma seta' jkun possibbli mingħajr l-għajnuna ta' dawn in-nies:

**Anthony Rogers** li għaddieli informazzjoni u dokumenti imprezzabbli dwar dan il-kraxx li mingħajrhom kien jibqa' misteru.

**Anni u Joseph Vella** (Taċ-Ċutna) tal-informazzjoni u talli ħallewni nidħol fl-għelieqi tagħhom.

**Carl Vella** tas-sigħat twal li qatta' jgħinni nfittex fl-għelieqi.

**Jimmy Muscat** u **Morris Bartolo** tal-għajnuna biex nikteb l-artiklu.

**Joseph, Rita u Lucy Borg** (Ta' Kulin) tal-paċenzja li ħadu bija u tal-materjal li għaddewli.

**Feliċ u Mari Fenech** (Tad-Deres) tal-paċenzja li ħadu bija, tal-informazzjoni u l-materjal li għaddewli.

**Ruben Vella u l-istaff tal-Arkivji Nazzjonali** tal-għajnuna fit-tiftix tad-dokumenti.

**Joseph Aquilina** (Iċ-Ċeklement) u **Karmnu Borg** (Keskesun) tal-informazzjoni li għaddewli

**L-Arċipriet Fr. Joe Caruana** tal-pariri u l-inkoraġġiment.

**Eżechiel Busuttil** u l-istaff tal-**Malta Aviation Museum** li għenuni fl-identifikazzjoni tal-biċċiet tal-ajruplan.

**Christine Sammut,** marti, tas-sapport u tal-paċenzja li dejjem tieħu bija.


**Min għandu aktar informazzjoni dwar dan il-kraxx jew ajruplani oħra li waqgħu fil-viċinanzi tal-Mellieħa jista' jkellem jew jikkuntattja l-awtur fuq jefsam@hotmail.co.uk**

## Riferenzi


1. Chaplin H. D (1951) 'When K.O.M.R. depot was bombed' in The Sunday Times of Malta 22nd April 1951. Ara wkoll Sammut, J. (2016) 'L-Attakk fuq il-Kamp tal-Għadira 25 ta' April 1942 f'Soċjeta Filarmonika La Vittoria Mellieħa, Festa Maria Bambina 2016 Printwell Ltd pg.148-152
2. Intervisti ma' Anni Vella (Ta' Ċutna), Feliċ u Mari Fenech (Tad-Deres).
3. 'Damages in Govt Tenements at Mellieha District by Enemy bombs' – Ernest Vella's private collection
4. Intervista ma' Anni Vella (Ta' Ċutna)
5. Intervista ma' Feliċ u Mari Fenech (Tad-Deres)
6. Intervista ma' Joseph Aquilina (Taċ-Ċeklement)
7. Cull, B. and Galea, F. (2001) Hurricanes Over Malta, Grub Street pgs. 264-265
8. Rogers, A. (2000) Battle over Malta Sutton Publishing pgs.134-135
9 Email li bagħat Anthony Rogers lill-awtur.
10. Rogers, A. (2000) op cit pg 1356.
11. Barnham, D. One Man's Window New English Library pgs. 97-99
12. Rogers, A (2000)op cit pg.134
13. Ibid pg 135
14. Anthony Rogers huwa l-kittieb ta' diversi kotba fosthom '185 The Malta Squadron', 'Battle Over Malta' u 'Air Battle of Malta'
15. Ops B Log Malta - ġentilment pprovdut minn Anthony Rogers.
16. https://www.facebook.com/126834467471736/potos/a.133583506796832.28701.126834467471736/544765732345272/ (accessed on 7th May 2017)
17. Franks, N. (2008) Fighter Command losses of the Second World War Vol 1 Midland Publishing pg.61
18. Franks, N. (2008) op.cit pg. 84
19. http://610squadron.com/wwii_pilots/ (accessed on 7th May 2017)
20. Wynn, K (2015) Men of the Battle of Britain – the Biographical Dictionary of the Few Frontline Books pg. 102.
21. http://www.rafcommands.com/archive/00396.php (accessed on 7th May 2017) u http://www.rafcommands.com/archive/00407.php (accessed on 7th May 2017)